**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**vs**

**Charlene Victoria Mula**

**Kumpilazzjoni Numru: 779/15**

**Illum, 6 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Charlene Victoria Mula detentrici tal-karta tal-identita` numru 0047792M.

Akkuzata talli:

> Fit-12 ta' Mejju, 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, minn gewwa residenza 9, Mike House, Triq Santa Katarina, Marsaxlokk, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
>
> Ikkommetiet serq ta' flus kontanti u deheb, liema serq huwa aggravat bil-persuna, bil-lok u bil-valur, liema valur huwa aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), ghad-dannu ta' Catherine Fenech u/jew persuni ohra; u
>
> U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahhlet biex tbieghhom jew tmexxihom.

Rat id-dokumentiipprezentati;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 267, 269(g), 279(b) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni bikrija mill-imputata ghall-akkuzi kif dedotti kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat iz-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha, u wara li rat li l-fedina penali taghha hija netta, u stante li l-imputata hallset pjenament is-somma derubata u stante illi t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, qed issib lill-imputata Charlene Victoria Mula hatja tal-akkuza kif dedotta kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 22 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum, filwaqt li tilliberaha mit-tieni akkuza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputata, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**